KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 439 (8-67)

It-Tnejn 3 ta' Lulju 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber (ħarġet mill-laqgħa fis-7.30pm)
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsillier Adrian Farrugia (ħareġ mil-laqgħa fit-8.00pm)
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Kurstein Sant

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

439.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

439.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku u Kunsilliera Kurstein Sant.

439.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

439.2.1 Inqraw il-Minuti tas-Seduta 437 u 438. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Kunsiller Julian Borg issekonda. Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

439.2.2

**Punti li joħorġu mill-Minuti**

439.2.3

437.2.3 Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li għalissa ser tgħaddi ammont ta' kotba li ingħataw mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni biex jiġu reġistrati u jitpoġġew fil-librerija u għal Otturbu/Novembru tiproponi li jinxtraw ammont ta' kotba kif sar fis-
439.2.4 snin preċedenti.

437.2.4 Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet jekk kienx hemm laqgħa mas-sidien. Is-Sindku qal li ser issir laqgħa l-ġimgħa d-dieħla fejn ikun preżenti wkoll il-kuntrattur.

439.3

**Komunikazzjoni mis-Sindku**

439.3.1

Analiżi tal-festa
Is-Sindku qal li l-festa kienet success, għalkemm inqalgħu diversi kumplikazzjonijiet fl-aħħar ġranet. Hu qal li kellhom isiru diveris laqgħat fit-tul l-għassa u anka mal-arċipriet, fejn f'estremita l-arċipriet kien ser jikkuntattja lill-kurja biex tinstab
439.3.2 soluzzjoni għax ħadd mill-għaqdiet involuti, cioe il-Każin Banda San Nikola u l-Grupp tal-Armar ma ried jilħaq kompromess. Il-Ħamis ta' qabel il-festa s-Sindku qal li iltaqa mal-Ispettur fejn preżenta kopja tal-permessi maħruġa mill-Kunsill skond il-Leġislazzjoni u bil-kundizzjonijiet impost. Hu qal li l-kwistjoni kienet fuq il-pozizzjoni tal-bar tal-każin u l-armar ġdid tal-grupp tal-Armar quddiem il-każin. Is-Sindku talab lill-għaqdiet jaraw l-interess tas-Siġġiewi qabel dak individwali u jintlaħaq kompromess biex il-festa ssir mingħajr inkwiet. Is-Sindku qal li l-Arċipriet propona laqgħa nhar is-17 ta' Lulju 2023 biex jiġu trattati dawn il-problemi u tinstab
439.3.3 soluzzjoni għas-sena d-dieħla.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li kien hemm xi kwistjonijiet ukoll bejn is-sidien ta' stabbilimenti rigward twegħid ta' mwejjed u siġġijiet. Huwa qal li fis-snin preċedenti, l-areas designate kienu jkunu mmarkati biex jiġi evitat dan.

Il-Kunsillier Francine Farrugia qalet li fl-area tal-mobile toilets kien hemm mandra bi drenaġġ ifur mat-triq. Hija qalet li dawn għandhom jiġu mbattla iktar spissi. Hija
439.3.4 semmiet ukoll li meta jsir il-ħasil tat-toroq, il-ħħmieġ għandu jinkines u jinġabar biex ma jiqafx quddiem id-djar.

Il-Kunsillier Adrian Farrugia fuq il-kwistjoni tal-imwejjed u siġġijiet qal li l-istabbilimenti li jkunu ħdej xulxin għandhom jiġu allokati l-istess qies, bi ftehim minn qabel. Huwa semma wkoll li fost il-ġimgħa, t-tindif sar biss fil-pjazza. Hu qal li it-

439.3.5 tindif relatat mal-festa għandu jkun minn ħdejn il-Madonna ta' Lourdes. Anka fost il-ġimgħa. Hu qal ukoll li għandu jkun hemm iktar bins ħdejn il-bars u fil-bypass għax li kien hemm mhux biżżejjed.

Xogħolijiet fil-bandli Nalizpelra

Is-Sindku informa li l-materjal tas-safety flooring ordnat u qed nistennew li jasal f'nofs Lulju. Sadattant, qed nikkoordinaw mal-Kuntrattur biex jibda jinqala l-materjal il-qadim u b'hekk nagħmlu sforz kollettiv biex ix-xogħol ikun lest mill-iktar fis biex
439.4 jitgawda mit-tfal fix-xhur tas-Sajf. Is-Sindku qal ukoll li daħlulu rapport dwar diversi ħsarat fl-apparat tal-bandli u z-zipline. Dan wara li sar manutensjoni estensiva u bdil
439.4.1 ta' diversi apparat fix-xhur li għaddew bi spiża ta' eluf ta' ewro. Huwa qal li l-vandaliżmu f'dan il-ġnien huwa frekwenti u li l-cctvs eżistenti ma taw l-ebda ftott.
439.5 Huwa qal li l-Kunsill għandu jikkunsidra li jkun hemm superviżjoni meta x-xogħol ikun lest biex inrażżnu l-ħsarat.

439.5.1

Laqgħa mac-CEO ta' Transport Malta

Is-Sindku qal li kien hemm laqgħa ta' ntroduzzjoni mas-Sindku mic-CEO il-ġdid ta' transport Malta. Huwa qal li għal din il-laqgħa attendiet is-Segretarju Eżekuttiv minfloku peress li dak inhar kellu mpenji ta' eżemijiet. Hu qal li hemm rieda tajba għal ħidma mal-Kunsilli Lokali u ssemmew diversi issues li jiltaqgħu magħhom il-Kunsilli, fosthom inizjattivi minn TM mingħajr il-konoxxenza tal-Kunsill Lokali. Huwa qal li ssemmiet ukoll il-problema ta' kontroll ta' veloċita fi Triq il-Mitjar ta' San
439.6 Niklaw, inizjattivi oħrajn ta' siġurta' li għalkemm il-Kunsill jista jiproponi diversi miżuri, m'għandux il-mezzi biex dawn isiru. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera li jekk
439.6.1 hemm xi issues partikolari li għandhom jgħaddu lil TM, għandhom iressquhom lis-Segretarju Eżekuttiv.

Laqgħa mac-CEO tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet

Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attenda laqgża mac-CEO tad-
439.7 Dipartiment tax-Xogħolijiet fejn fost oħrajn semma l-manutenzjoni tan-naħa ta' barra tal-binja Ramija b'mod partikolari iċ-ċnut u is-soft areas. Huwa qal li kellha
439.7.1 tintalab kjarifika dwar ta' min huma dawn il-biċċiet jekk hux mikrija għand l-individwi jew le. Is-Sindku semma wkoll li hemm talba mir-residenti għal rampa għal aċċessibilta'. Is-Sindku qal li saret talba wkoll għal bini taċ-ċint li ġgarraf fid-dawra perikoluża fix-xagħra ta' Għar Lapsi kif iddur mal-barriera ta' Bellula.

Proġett Komunitarju Ramija

439.8 Is-Sindku qal li semma wkoll il-proġett komunitarju u talab indikazzjoni tal-bidu tax-xogħolijiet. Bħala tweġiba qal li kien hemm xi issues ma' Transport Malta li jidher li ġew iċċarati u x-xogħol għandu jibda ma jdumx.

439.8.1

Ilmenti dwar BCRS

Is-Sindku qal li llum intbagħtet talba lil BCRS biex ikun hemm tindif taż-żona viċin il-
439.9 magna u anka ħasil. Dan sussegwenti għal diversi ilmenti mill-Klabb tal-Football u anka resident li qed jitħalla ħafna ħmieġ li jispiċċa jtir ma' kullimkien u anka luminati
439.9.1 li jkun fadal fil-fliexken li jitbattlu mal-art.

Xogħol taz-zuntier

Is-Sindku qal li fl-aħħar jiem kien hemm preżentazzjoni tal-materjal u l-interventi li ser jintużaw għal dan il-proġett. Huwa qal li l-materjal diġa beda jinħadem f'Modica u wara Awissu ser issir l-ewwel konsenja. Is-Sidnku qal li ser ikun hemm laqgħa bejn
439.9.2 il-partijiet konċernati, id-Dipartiment, il-Kunsill, il-Kuntrattur u l-Arċipriet rigward il-loġistika. Ix-xogħol ser jibda mill-parti ta' quddiem u ser jinqasam f'fażijiet biex ikun hemm l-inqas inkonvenjent possibbli.

Permessi għal xogħolijiet Triq Ħal Niklusi

Is-Sindku semma s-sitwazzjoni preżenti ta' meta jintalbu permessi għall-makkinarju mill-Kunsill u l-bżonn ta' gwardjan. Huwa qal li sa ftit ġimgżat ilu, meta kien hemm

**439.10** Triq l-Imdina magħluqa, kienet tinħoloq kongestjoni sħiħa tat-traffiku peress li ma kienx hemm alternattiva ċirkolari gżall-vetturi, u gżalhekk inħoloq bżonn li jintalab
**439.10.1** gwardjan meta jkun hemm talba li ser tingħalaq il-karreġġata. Madankollu, peress li issa Triq l-Imdina miftuħa u hemm aċċess anka minn Triq Ħal Xluq, is-Sindku propona li ma jkunx hemm obbligazzjoni ta' gwardjan. Il-Kunsillier Julian Borg qal li jaqbel ma' dan, u anka peress li s-sitwazzjoni biex ikun hemm gwardjan mhix prattika peress li ma jkunux disponibbli f'qasir żmien, u din toħloq inkonvenjent kbir lil min ikun irid jaħdem, apparti spejjeż żejda. Il-Kunsillier Borg staqsa x'inhi il-prassi tal-amministrazzjoni meta jintalbu permessi u fejn jirrigwarda l-bżonn għal gwardjan..
**439.10.2** Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li hemm lista ta' toroq li normalment jintalab gwardjan, li huwa toroq meqjusa arterjali fil-lokalita' u li jekk tingħalaq il-karreġġata tkun qed toħloq konġestjoni. Iżda, kull każ ikun trattat b'mod individwali, għaliex tagħmel differenza t-tip ta' makkinarju, il-wisgħa tat-triq fejn ikun intalab il-permess,
**439.10.3** x'tip ta' xogħol sa jsir u fejn tinsab it-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tibgħat lista ta' dawn it-toroq lill-kull Kunsillier għall-attenzjoni tagħhom u anka feedback. Hija qalet li l-uffiċċju joħroġ ammont konsiderevoli kuljum ta' permessi u d-deċiżjoni ta' loġistika biex jinħareġ permess tkun trid tittieħed dak il-ħin.

**439.11** Preparamenti għal Festa Għeneb 2023
Is-Sindku qal li issa li għaddiet il-festa tal-lokal jibdew il-preparamenti għal festa
**439.11.1** għeneb lis er issir fis-17 ta' settembru. Hu qal li diġa bdew l-ewwel kuntatti mal-produtturi tal-inbid. Qal ukoll li avviċinawh voluntiera li lesti li jagħtu sehemhom. Huwa l-ħsieb li jkun hemm l-involviment tal-għaqdiet. Is-Sindku qal li din l-attivita' tinvolvi ħafna xogħol u talab lill-Kunsilliera jagħtu sehemhom fl-organizzazjoni.

**439.12**

Il-Viċi Sindku ħarġet mil-laqgħa fis-7.30pm.

**Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**439.12.1**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**Aġġornament fuq xogħolijiet infrastrutturali minn Infrastructure Malta**

Is-Sindku preżenta l-pjanta emendata tal-proposta tat-traffiku mill-perit tal-Kunsill, sussegwenti għal dak li ġie diskuss fis-Seduta preċedenti.
Is-Sindku qal li kif jidher fil-pjanta, żdiedu pedestrian crossings. Il-Kunsillier Borg
**439.13** irrimarka li quddiem ħanut partikolari fejn tneħħew aprkeġġi u sar loading/unloading bay, għandu jibqa parkeġġi kif kien fil-pjanta ta' qabel, iżda jitwessgħu li jkun jista
**439.13.1** joqgħod vann. Hu propona anka li parkeġġ minnhom isir loading/unloading bil-ħinijiet. Il-Kunsillier Borg qal ukoll li l-aprkeġġi fi Triq Papa Pawlu Vi għandhom
**439.13.2** jibqgħu herrigbone kif qegħdin bħalissa u mhux paralleli kif ukoll kien hemm qbil mill-Kunsill f'seduta preċedenti. Is-Sindku qal li hemm laqgħa għada fil-5.30pm fuq il-post biex il-punti jitressqu lill-Perit għad-diżinn finali.

Xogħolijiet fil-junction Ta' Brija
Is-Sindku qal li qed jinsisti ma' Infrastructure Malta biex ix-xogħol jibda mill-iktar fis,
**439.13.3** issa li Triq is-Sejba fl-Imqabba infetħet. Huwa qal ukoll enfasizza l-fatt li qed ikun hemm diversi claims ta' ħsarat u li dawn ser jiġu diretti lill-IM u ħeġġeġ biex ix-xogħol isir mingħajr dewmien.

**439.13.4**

**439.6 A.L.136 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 dwar tqegħdid Temporanju ta' Caravans f'lokalitajiet**

Fid-dawl tal-avviż legal tal-Kapitlu 363 tal-Att dwar il-Gvern Lokali, li jirrigwarda

439.13.5 Regolamenti tal-2023 dwar Tqegħid Temporanju ta' Caravans f'Lokalitajiet, il-Kunsill iddiskuta l-materja. Is-Sindku propona li l-Kunsill m'għandu jassenja l-ebda porzjon ta' art li tagħmel parti mil-konfini tas-Siġġiewi sabiex l-istess Kunsill joħroġ permessi għal tqegħid ta' Caravans fil-lokalita' tagħna. Il-Kunsill unanimament qabel li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mhux se jkun qiegħed joħroġ l-ebda permessi f'dan ir-rigward.

439.14 Il-Kunsillier Asdrian Farrugia ħareġ mill-laqgħa fit-8.00pm.

439.14.1

**Każ dwar kumpens Nru. OMB-22-2264**

439.15 Il-Kunsill Lokali ddiskuta u ikkunsidra dan il-każ partikolari u qabel li din it-talba tiġi milqugħa peress li l-każ jidher li huwa ġenwin u li l-claimant aġixxa in bona fide.

439.15.1 Din id-decizjoni hi bbazata fuq l-informazzjoni mogħtija u fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ odjern u ma jikkostitwix preċedent. Kull każ u/jew talba tkun eżaminata u deċiża skont il-meriti partikolari ta'kull każ. Is-Sindku propona li din it-talba tiġi milqugħa. Il-Kunsill unanimament approva.

439.15.2

**SPI/SCI/10/2022 – Ħruġ ta' tender għal tiswija u mmodernizzar ta' lattrini pubbliċi (Reġjun Punent)**

Is-Sindku informa li bħalissa għaddej proċess flimkien mar-reġjun għal tender għal manutenzjoni u mmodernizzar ta' lattrini. Hu qal li r-Reġjun qed iħejji set ta' kundizzjonijiet u speċifiċi biex jintużaw flimkien mal-BOQ tal-lattrini partikolari. Is-Sindku qal li ma' dan ix-xogħol qed jiġi kkunsidrat ukoll l-irranġar tat-taraġ ta' biswit il-lattrina ta' Għar Lapsi, filwaqt li tiswijiet tas-sistemi tad-drenaġġ mhumhiex inklużi.

439.16

439.16.1

439.16.2 **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

439.16.3

**Rapport tal-Korrispondenza**

439.16.4

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

439.16.5 **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

439.16.6 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

439.16.7

**Approvazzjoni tal-aġġustamenti finanzjarji għas-sena t'għeluq 2022**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat kopja tal-aġġustamenti finanzjarji għas-sena

439.17 t'għeluq 2022. Is-Sindku propona l-approvazzjoni tar-rapport kif preżentat. Il-Kunsill unanimament approva.

439.17.1

**Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

439.17.2

Il-Kunsillier Julian Borg semma li hemm bżonn tindif fi Ġnien il-Ħajja u ħdejn il-blue bins.

Semma wkoll il-każ ta' residenti li rrapurtaw li qed jidħol l-ilma fil-basement minħabba ħsarat fit-triq u l-bankina. Is-Sindku qal li ksaret spezzjoni u rapport mill-Perit tal-Kunsill u rriżulta li t-triq niżlet u allura inħoloq gap bejn it-triq u l-bankina. Il-Kunsillier Borg talab li jinstab rimedju temporanju, mingħajr l-ebda preġudizzju u ssuġġerixxa li ssir spezzjoni fuq il-post u anka fil-basement tar-residenza fejn qed tkun allegata ħsara. Is-Sindku talab li jerġa jintbagħat ir-rapport tal-Perit.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li haw diversi bankini li għandhom bżonn tiswija għax qegħdin periklu. Hu qal li filwaqt li konxju li l-Kunsill applika għal skema dwr bankini, xorta jibqa l-fatt li irrilevanti jekk l-iskema tingħatax jew le, il-Kunsill għandu jipproċedu bit-tiswija tal-bankini. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lista tal-bankini u possibilment ritratti.

Il-Kunsillier Julian Birg qal li hemm talba għal rampa għal aċċessibilta' fil-bankina tal-Pjazza. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li diġa hemm rampi in-naħa ta' fuq u t'isfel tal-Pjazza u junction boxes quddiemhom.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li hemm talba mill-kustodju taċ-ċimiterju biex il-Kunsill jiprovdi skip. Is-Sindku qal li minn stima din tiġi tiswa mal-€100 fix-xahar kirja u tbattil u li qed naraw il-possibilta li jiġu provduti mir-Reġjun. Il-Kunsillier Borg qal il-possibilta' li l-Kunsill jixtri l-iskip u titbattal mis-servizz eżistenti biex nevitaw din l-ispiża.

Il-Kunsillier Gillian Farrugia semmiet li hemm periklu mal-istatwa ta' San Nikola għan-nies li jkunu fuq il-bankijiet peress li minn meta tneħħew il-fanali, l-vetturi qed jgħafsu mal-istatwa. Hija talbet il-possibilta' li jerġgħu jitwaħħlu l-fanali jew isir xi ħaġa oħra. Is-Sindku qal li f'Seduta preċedenti kien propona li ssir bankina ma-dawra flok il-pavimentar bil-madum aħmar.

Il-Kunsilliera Francien farrugia staqsiet dwar in-nomina ta' rappreżentant fil-Gal Majjistral li hi kienet interessata għaliha. Is-Sindku qal li l-laqgħa ġenerali annwali saret fi żmien meta l-Kunsill ikun impenjat fil-prparamenti u loġistika tal-festa u l-problemi li ġġib magħha u kien impossibbli li jattendi għal-laqgħa. Il-Kunsillier Francine farrugia qalet li hija ħasra li l-Kunsill tilef din l-opportubnita' għal ħames snin li ġejjin.

Il-Kunsillier Francine Farrugia qalet li ser isiru sezzjonijiet tas-Sajf tal-arti, tal-għawm b'kollaborazzjoni mal-iskola u anka ma' Sport Malta, filwaqt li l-kors tal-franċiż kellu jiġi kkanċellat minħabba nuqqas ta' konkorrenza. Hi qalet li qed taħdem ukoll mal-amministrazzjoni għall-korsijiet tal-lifelong learning li jibdew fis-sena skolastika f'Ottubru u li l-applikazzjonijiet għalihom jiftħu iktar tard f'Lulju. Hija qalet li qed tiprapara wkoll biex jibdew isiru ħarġiet kulturali iktar tard din is-sena.

Il-Kunsilliera Francine farrugia qalet li hemm bżonn qtugħ ta' ħaxix Tal-Għaqba, knis il-bypass in-naħa ta' Triq il-Ħsad u ġnien Mons. Mikiel Azzopardi u infurzar ta' parkeġġ.

**Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fid-9.15 ta’ filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 31 ta’ Lulju 2023 fis-6.00 ta’ filgħaxija.

Konfermati, illum 31 ta’ Lulju 2023

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv